**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI

## Aġenda Nru. 46 tas-7 Leġiżlatura

## tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

**Data:** Nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju 2016
**Hin:** fil-5:30pm
**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Struttura ta' Ġieħ il-Qrendi;
6. Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata;
7. Il-Festi 2016;
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Aġġornament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-46 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju 2016 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8:20 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatriċi | Abigail Sciberras (bagħtet ir-raġuni permezz t'*e-mail* u kienet aċċettata mill-Kunsill Lokali |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-45 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk kenitx intbagħtet l-ittra lir-residenti ta' Triq Dun Nerik Mahoney, skont Minuta 3.15 fil-Minuti tal-45 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

2.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li din l-ittra għadha trid tintbagħat.

2.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kenitx intbagħtet it-tieni ittra ta' twissija lis-sid tar-restaurant El Paradiso, li jinsab fi Triq il-Biżantini, skont Minuta 3.20 fil-Minuti tal-45 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

2.2.1 Is-Sindku wieġeb li din l-ittra għadha ma ntbagħtitx, biss is-sid ta' dan ir-restaurant xorta waħda għadu qiegħed jabbuża.

2.3 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon jekk konniex ġibna kwotazzjonijiet relatati ma' Minuta 4.89 fil-Minuti tal-45 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, li kienet titratta toqob ġodda għan-nar tal-art fi Triq it-Tempesta u rranġar ta' toqob eżistenti fi Triq il-Parroċċa.

2.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jekk kemm-il darba konna se nagħmlu tnax (12)-il toqba ġdida fi Triq it-Tempesta, dawn kienu se jsiru bi prezz ta' €80 kull toqba, imma jekk nagħmlu inqas minn tnax, il-prezz kien se jkun ta' €100 kull toqba.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.3.2 Dwar l-irranġar ta' toqob, is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn jiswewna €45 kull toqba sabiex tiġi mċekkna, kif ukoll inkunu rridu nixtru l-*cover* għall-istess toqba.

2.3.3 Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu jħoss li bħalissa l-Kunsill Lokali mhuwiex f'pożizzjoni li jagħmel dan ix-xogħol minħabba li se jiġi jiswa ħafna flus u s-sena li għaddiet diġa' rranġajna t-toqob kollha ta' Triq it-Tempesta.

2.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għalissa ma jitħaffrux u lanqas jiġu rranġati toqob, imbagħad din il-proposta tkun tista' tiġi kkunsidratha aktar 'il quddiem.

2.4 Is-Sindku tkellem dwar Minuta 2.30 fil-Minuti tal-44 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, li kienet titratta *European Youth Event* li kienet se tattendi għaliha l-Kunsillier Daniela Farrugia.

2.4.1 Qal li min-naħa tagħha l-Kunsillier Daniela Farrugia ddeċidiet li ma tattendiex.

2.5 Il-Viċi Sindku staqsa jekk huwiex possibbli li l-Minuta tal-Komunikazzjoni mis-Sindku titniżżel aktar 'l isfel fl-Aġenda, kif kien isir fil-laqgħat preċedenti.

2.5.1 Is-Sindku qal li jaqbel ma' din il-proposta għaliex qegħdin ninnutaw li qed ikun hemm ħafna ripetizzjonijiet minħabba li l-Komunikazzjoni mis-Sindku qiegħda ssir qabel il-Minuta tal-Korrispondenza.

2.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jkun qiegħed jitlob direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din it-talba.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li r-Reġjun tan-Nofsinhar tana €1,877 sabiex dawn il-fondi jintużaw għas-sinjali tat-traffiku u t-tisbiħ fil-lokalita' tal-Qrendi.

3.1.1 Qal li permezz ta' dawn il-fondi nistgħu nirranġaw partijiet żgħar minn Triq it-Tempesta u se nkunu qegħdin inkellmu lill-kuntrattur sabiex naraw kemm tiswina bankina żgħira f'din it-triq, qrib Misraħ il-Maqluba.

3.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kellu mal-Ministeru għat-Turiżmu u li għaliha attendew hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

3.2.1 Qal li din il-laqgħa kienet titratta l-proġett ta' tisbiħ ta' Wied iż-Żurrieq u d-diskussjoni prinċipali kienet iddur mal-parkeġġ kif ukoll il-latrini pubbliċi f'din iż-żona turistika.

3.3 Is-Sindku tkellem dwar is-servizz t'ATM fil-lokalita' tagħna u qal li issa ssottomettejna l-pjanti lill-bank BOV u lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex inkunu nistgħu mmexxu f'dan ir-rigward.

3.4 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li l-Kunsill Lokali prova jagħmel mal-MEUSAC sabiex jiġi rrestawrat u msebbaħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Hniena.

3.4.1 Qal li pruvajna nagħmlu applikazzjoni bi sħab ma' Din l-Art Ħelwa u l-Knisja Parrokjali tal-Qrendi, imma sibna ntopp minħabba li Din l-Art Ħelwa kellhom joħorġu 20% ta' kemm kien se jiġi jiswa l-proġett bħala garanzija li dan ix-xogħol isir, imma ma kellhomx flus biżżejjed u allura ma stajniex napplikaw.

3.5 Is-Sindku tkellem dwar Misraħ il-Maqluba u l-flus li qiwgħed idaħħal il-Kunsill Lokali mir-riċevimenti tat-tiġien li jsiru hemmhekk.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.5.1 Qal li parti minn dawn il-fondi nistgħu nużawhom sabiex nirranġaw kolonna tal-ġebel li tinsab fi Triq Santa Katarina k/ma' Triq is-Siġġiewi u li partijiet minnha qiegħda titmerer biż-żmien.

3.5.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li din l-istruttura għandha tiġi rranġatha u se nkunu qegħdin inġibu kwotazzjonijiet sabiex naraw kemm tiġi tiswina.

3.6 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Puniċi u qal li x-xogħol inbeda mill-kuntrattur us s'issa diġa' ġew mibdula l-cables tad-dawl u l-kanen tal-ilma.

3.6.1 Żid li issa waslu fil-fażi fejn jgħaddu d-drenaġġ sabiex imbagħad ikun jista' jibda jingħata t-tarmak.

3.7 Is-Sindku tkellem dwar it-tisbiħ taż-żona t'Għajn ix-Xemx u qal li dan it-tisbiħ ġie approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

3.7.1 Is-Sindku tkellem dwar it-tisbiħ tar-*roundabout* fi Triq it-Tempesta u qal li bħalissa qegħdin isiru l-investigazzjonijiet neċessarji qabel ikollna l-BOQ finali sabiex naraw kif nistgħu nipproċedu.

3.8 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar ir-*roundabout* proposta fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq Antonio Chircop.

3.8.1 Is-Sindku wieġeb li wara l-Laqgħa tal-Lokalita' erġajna ġejna f'laqgħa tal-Kunsill Lokali u hemmhekk kien spjegat pass pass kif konna se nipproċedu f'dan il-każ.

3.8.2 Reġa' spjega li bħala Kunsill Lokali morna għand Transport Malta u bħalissa għadna qegħdin nistennew proposta ħolistika min-naħa tagħhom li tinkorpora Triq it-Tempesta kollha u anke Triq iż-Żurrieq.

3.8.3 Żid li waslitilna wkoll petizzjoni mingħand xi residenti, imma għalissa jkun aħjar jekk ma niddiskutux din il-petizzjoni minħabba li mhuwiex il-mument opportun.

3.9 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa dwar it-tabelli *One Way* li żdiedu fl-aħħar ġimgħat fil-lokalita' tal-Qrendi u staqsa jekk dawn is-sinjali

humiex permanenti.

3.9.1 Is-Sindku wieġeb li dawn it-tabelli twaħħlu mill-kuntrattur minħabba x-xogħolijiet li jew qegħdin isiru bħalissa jew inkella li huma mistennija jsiru fil-ġimgħat li ġejjin.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Inqrat Memo 12/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Apprezzament u Ringrazzjament.**

4.2 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Messaġġ mingħand id-Direttur (Gvern Lokali).**

4.3 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Reġistru Elettorali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern April 2016.**

4.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ittra dwar ir-Reġistru Elettorali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern April 2016.**

4.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa mill-Kummissjoni Elettorali – Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali April 2016.**

4.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata (*Potato & Agrarian Festival*).**

4.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ġbir ta' Skart Imħallat.**

4.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT Clarification 5 – Case No. 135/16: Meeting re Consignment of Procedures permit for WEEE & Bulky Refuse.***

4.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Segretarji Eżekuttivi Prospettivi.**

4.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT REMINDER Re-Case No. 175/16 – ME, CFS and Fibromyalgia "Light Up the Night."***

4.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Logos u Konferenza tal-Aħbarijiet.**

4.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Malta Day by Day*** **– Attivitajiet Ġunju 2016.**

4.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Call for participation: "The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label of Governance Excellence."***

4.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URBACT Implementation Networks call Information Session.***

4.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: Local Councils & Regional Committees – PPCD Pre-Announcement Call for Priority Axis 4 & Priority Axis 5.***

4.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħa Informattiva rigward l-Importanza tal-Isport fuq Livell Komunitarju u l-Irwol tal-Kunsilli Lokali – Preżentazzjoni mehmuża.**

4.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: Open Door Event 8th May 2016.***

4.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: INTERREG EUROPE – Tourism (Smart Beaches) – Partner Search.***

4.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: Reminder: Interreg Europe Project Proposals – Maltese Partners needed.***

4.19.1 Is-Sindku qal li min-naħa tiegħu prova jfittex ftit informazzjoni fuq dan il-lokal imsemmi imma jidher li m'għandna xejn simili bħala lokalita'.

4.19.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk nistgħux nagħmlu kuntatt magħhom u nippruvaw nidħlu għal dan il-ġemellaġġ.

4.19.3 Is-Sindku wieġeb li kien se jikkuntattja persuna sabiex nesploraw il-possibilta' li nagħmlu ġemellaġġ ma' lokalita' fl-Italja fejn huma wkoll jorganizzaw Festival tal-Patata u l-Basal.

4.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Local Council and Regional Committee Non-Admin Workers Form, AccessDataCollection.***

4.21 Inqrat ittra mill-Bord tal-Appell, bit-titlu **Proġetti Kapitali tal-Kunsilli Lokali.**

4.21.1 Is-Sindku David Schembri spjega kif f'din l-ittra ingħatajna raġun għall-appell tagħna fuq is-sitwazzjoni tal-proġetti kapitali.

4.21.2 Qal li aħna b'kollox konna tlabna għal €400,000 li jkunu maqsuma fuq bażi ta' 3 snin imma l-ewwel talba tagħna ma kenitx aċċettata.

4.21.3 Spjega kif f'dan l-appell hemm miktub li l-każ tagħna kien wieħed leġittimu u allura għandna ningħataw dawn il-flus.

4.21.4 Qal ukoll li issa rridu naraw meta se nkunu qegħdin ningħataw dawn il-flus, biex forsi nkunu nistgħu nmexxu f'dan ir-rigward.

4.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace, mill-Uffiċċju tal-Vot 16,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

bit-titlu **Ambaxxatriċi ġdida tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.**

4.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lili Vasileva, *EU Project Coordinator* fl-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 22/2016 – Project Conference AC4ACP.***

4.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 27/2016 – Laqgħa għas-Sindki fis-6 u 7 ta' Mejju 2016 – Aġenda u Minuti.**

4.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 28/2016 – AC4ACP.***

4.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 29/2016 – Ringrazzjament u Apprezzament.**

4.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 31/2016 – EDIC events.***

4.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 32/2016 – CENSE Competition.***

4.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Aquilina, għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Reġistrazzjoni AGM 2016.**

4.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Aquilina, għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Programm Online – "Meludia".**

4.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu **Awguri lis-Sur Adrian Mifsud – Direttur (Gvern Lokali).**

4.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Michele Bezzina, *Office Coordinator* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis tal-Burokrazija, bit-titlu ***Local Council 23 Qrendi.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nadia Cauchi, Prinċipal fil-*Public Administration HR Office* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu ***Local Councils.***

4.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Josieanne Archie, *Strategy & Research Support Officer* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu ***E-mail Template – 26.04.16 Servizz.gov meeting.***

4.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Gladys Vella mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu **servizz.gov.mt:** ***migration of system to servizz.gov One-Stop-Shop.***

4.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Bernard Busuttil, *Advisor* fis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Konferenza tal-Aħbarijiet.**

4.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Bernard Busuttil, *Advisor* fis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, bit-titlu **M413.A5.**

4.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Bernard Busuttil, *Advisor* fis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Sit ġdid tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.**

4.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Catherine Fenech, *Principal Statistician* fil-Ministeru għat-Turiżmu, bit-titlu ***Committee of the Regions – Survey.***

4.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Farrugia, *Senior Manager EUPD* fil-Ministeru għat-Turiżmu, bit-titlu ***Concrete Benches*** **San Mattew il-Maqluba Qrendi.**

4.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Pamela Ann Schembri, P.A. tas-Segretarjat Parlamentari għall-Isport, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 –** ***Sports Day.***

4.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Letter from MA and PA.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Mireille Sacco, Avukat fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, bit-titlu **Re: IU 1309/2016 Omar Busuttil vs. Kunsill Lokali Qrendi.**

4.43.1 Is-Sindku qal li dan il-każ għaddejjnih lill-Dr Joseph Sammut, l-avukat li fil-preżent qiegħed jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali sabiex inkunu nistgħu nwieġbu din l-ittra.

4.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Anne Axisa Farrell, *Information Officer* mal-MCCAA, bit-titlu **'Ninvestu fin-Nies – Laqgħa mal-Klijenti.'**

4.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, *Director Operations* fil-LESA, bit-titlu **L-Immaniġġjar tat-Traffiku (TMS).**

4.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, *Director Operations* fil-LESA, bit-titlu **Diskussjoni dwar *Speed Cameras* fil-Laqgħat tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.**

4.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, *Director Operations* fil-LESA, bit-titlu **ECO Wardens – il-Qrendi.**

4.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Galea, *Regional Enforcement Officer, Souther Region,* fil-LESA, bit-titlu **Skip bla permess fi Triq is-Salvatur, il-Qrendi.**

4.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Galea, *Regional Enforcement Officer, Souther Region,* fil-LESA, bit-titlu **Parkeġġ ħażin – Triq it-Tabib Gregorio Mifsud, il-Qrendi.**

4.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Charles Curmi, *Enforcement Systems Advisor,* fil-LESA, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Servizz ta' Gwardjani Lokali.**

4.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Chris Cassar, minn Valletta 18, **Valletta 18 (L-Ikla t-Tajba).**

4.51.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna nibagħtu l-lista tal-għaqdiet li għandna fil-lokal imbagħad naraw kif inmexxu minn hemm 'il quddiem.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Valletta 2018, bit-titlu ***Valletta Pageant of the Seas – Join Us!***

4.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonello Abela, Prinċipal fil-Bord tar-Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi, bit-titlu ***Objection QLC PC 49/15.***

4.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Patri Dijonijsu Mintoff ofm, bit-titlu **Il-Premju Nazzjonali B'Hilti Wasalt.**

4.54.1 Is-Sindku qal li dwar dan il-premju, l-aktar ħaġa diffiċli tkun sabiex issib il-persuna li rridu ninnominaw.

4.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Daniela Borg Mizzi, *Chief Officer* mad-Direttorat tat-Toroq u l-Infrastruttura, bit-titlu ***Notification from Transport Malta – Regional Architect changes – Notification to LCs.***

4.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Philip Schembri, *Communications – P.A. to Chairman* tal-BICC, bit-titlu ***Rubble Wall.***

4.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nadine Dumu Alomba, *Advisor – Specialist Advisory Services* ma' Nexia BT, bit-titlu ***Qrendi Local Council M313 – Re Living Qrendi's Rich and Simultaneously Enjoying Its Natural Beauty – Missing Proof of payment (€16,476.15 excl. VAT).***

4.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mandy Falzon, *Head – EU Funding*, bit-titlu ***ERDF Priority Axis 5.***

4.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Darren Grasso, *Executive – EU Funding*, bit-titlu **Madonna tal-Ħniena *Project (ERDF).***

4.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marthese Baldacchino, mill-*Funding Division* tal-Awtorita' tal-Ippjanar, bit-titlu ***UIF Statement of Funds.***

4.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ispettur Charlotte Curmi, mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Ħajt Perikoluż – Triq iż-Żurrieq, il-Qrendi.**

4.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ispettur Charlotte Curmi, mill-Għassa tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Rapport dwar Tiġrijiet taż-Żwiemel fi Triq il-Panorama, il-Qrendi.**

4.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Emily Micallef minn WasteServ Malta, bit-titlu ***Conference on Sustainable Food and Bio Waste Management.***

4.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Ruth Agius, Uffiċjal Eżekuttiv fiċ-Ċentru għall-Edukazzjoni Ambjentali u Riċerka, bit-titlu ***World Symposium on Life Long Learning and Sustainable Development.***

4.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Graziana Cauchi, *Principal Education Support Practitioner (Career Advisor)* mill-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu ***CEE 2016 – 2017 Agreement Form & Formal Letter to Employers.***

4.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Anthony Bezzina, il-Perit tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bit-titlu ***Proposed ATM Plans.***

4.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph J Muscat, *Manager MultiChannel Banking* mill-Bank BOV, bit-titlu ***Qrendi ATM.***

4.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Janice Vella mill-*Environemental Landscapes Consortium Ltd.,* ***Proposed Roundabout at*** **Triq it-Tempesta, Qrendi.**

4.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Letizia Buttigieg, mill-*Foundation for Social Welfare Services*, bit-titlu **Trobbija Pożittiva.**

4.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Amanda Cassar mid-Dipartiment għall-Kummerċ, bit-titlu **Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2016.**

4.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Liana Borg, *P.A. to the C.E.O.* ma' GreenPAK, bit-titlu ***GreenPAK Local Councils Awards.***

4.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Clothes Collection.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Tabone, *Senior Operations Manager* ma' GreenPAK, bit-titlu **Espressjoni t'Interess – Ġbir ta' Skart Riċiklabbli.**

4.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Attard minn GreenMT, bit-titlu **Espressjoni t'Interess – Ġbir ta' Skart Riċklabbli.**

4.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Luca Camilleri minn *Island Insurance Brokers Limited,* bit-titlu ***Qrendi Local Council – Small and Medium Enterprise (Combined) Insurance Policy No SML/244/07/10010 & Group Personal Accident Insurance Policy No GPAL/244/07/100007 – 16th May 2016 Renewal.***

4.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto, Direttur f'Transport Malta, bit-titlu ***Parking area in*** **Wied iż-Żurrieq.**

4.77 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karl Galea, mit-*Traffic Management and Road Safety Department* ta' Transport Malta, bit-titlu ***Roads Closure.***

4.78 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Andrew Haig, *Executive – Bus Route Network Planning* f'Transport Malta, bit-titlu ***Damaged Crash Barrier.***

4.79 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Inġinier Ronald Attard Pullicino minn Transport Malta, bit-titlu ***Electric MiniCabs operating at*** **Wied iż-Żurrieq.**

4.80 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Clayton D'Amato, bit-titlu **Servizz ta'** ***Electric Shuttle Cabs*** **ġewwa Wied iż-Żurrieq.**

4.81 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Clayton D'Amato, bit-titlu ***Withdrawal of Appeal.***

4.82 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Charles Daniel Saliba, bit-titlu **Gwida għall-Malti Komunikattiv.**

4.83 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Beppe Galea, ġurnalist ma' Radju RTK u Newsbook, bit-titlu **ATM fil-lokalita' – Qrendi.**

4.84 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Pisani, mill-*Clean Food*

*Movement*, bit-titlu ***Enquiry: Use of Herbicides.***

4.85 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Lino Bartolo, għas-Soċjeta' tal-Ħortikultura Maltija, bit-titlu **Wirja tal-Ħortikultura f'San Anton nhar is-Sibt 14 u l-Ħadd 15 ta' Mejju 2016.**

4.86 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Stephen Zammit minn Lornit, bit-titlu ***Permit Management System.***

4.87 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sergio Grech, Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu **Qrendi.**

4.88 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sabrina Cacciattolo, parti mill-*Job Exposure Scheme Team* ta-Ċentru ta' Riżorsa Dun Manwel Attard, il-Wardija, bit-titlu ***Career Exposure Experience Ceremony.***

4.89 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sabrina Cacciattolo, parti mill-*Job Exposure Scheme Team* ta-Ċentru ta' Riżorsa Dun Manwel Attard, il-Wardija, bit-titlu ***Placement 23.04.16.***

4.90 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joan Haber minn *Caly Club*, bit-titlu ***Re - Outing.***

4.91 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Olympia Sant Mifsud, bit-titlu ***Re – Outing Clay Club.***

4.91.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud spjegat lill-membri tal-Kunsill Lokali l-informazzjoni li rnexxilha ġġib dwar din l-inizjattiva.

4.91.2 Is-Sindku wieġeb li rridu niċċekkjaw ftit dwar it-trasport, kif ukoll min se jkun qiegħed jieħu ħsieb din l-inizjattiva.

4.91.3 Żied li jekk kemm-il darba nsibu għaxart itfal li lesti jieħdu sehem, nippruvaw norganizzaw dan il-kors.

4.91.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li jekk huwa possibbli, għallinqas il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb l-ispejjeż tat-trasport jekk kemm-il darba ma jsirx fis-sala tal-Kunsill Lokali.

4.91.5 Is-Sindku qal li minħabba li fl-iskejjel tagħna ssir Skola Sajf, din se ttellef milli jattendu t-tfal għal dan il-kors.

4.91.6 Il-Viċi Sindku staqsa jekk jistgħux iħallsu xorta waħda €10, jibqgħu l-Qrendi, u b'hekk jiffrankaw it-trasport.

4.92 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ministru tal-Finanzi, l-Prof. Edward Scicluna, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Stedina.**

4.93 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Onorevoli Joseph Farrugia, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Stedina.**

4.94 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Onorevoli Anthony Bezzina, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Stedina.**

4.95 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Agius minn *Agius Agricultural Trading Ltd.,* bit-titlu **Festa tal-Patata 2016.**

4.95.1 Is-Sindku qal li ma nistgħux nirrifjutaw din it-talba u jkun għaqli li naraw kif se nipproċedu dwar dan il-każ.

4.95.2 Il-Viċi Sindku ppropona li jekk kemm-il darba bħala Kunsill Lokali se naċċettaw li jieħdu sehem persuni oħra bil-makkinarju li għandu x'jaqsam mal-patata, allura għandna nagħmlu limitu fuq kemm iġibu inġenji magħhom.

4.95.3 Is-Sindku qal li rridu nkellmu wkoll lis-Sur Michael Caruana u niddeċiedu minn hemmhekk 'il quddiem.

4.95.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jekk kemm-il darba ma jkollniex oġġezzjoni mill-importaturi/esportaturi Qrendin, allura nagħmlu limitu li persuni minn barra mil-lokal ikunu jistgħi jġibu sa erba' (4) biċċiet ta' makkinarju.

4.96 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rachel Caruana minn *Heritage Malta*, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Talba lil *Heritage Malta***.

4.97 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zammit, mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, bit-titlu **Festival**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Agrarju tal-Patata – Kunsill Lokali Qrendi.**

4.98 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sonia Young, *Producer/Administrative Assistant* f'Radju RTK, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Promozzjoni fuq Radju RTK.**

4.99 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joyce Grech, *producer* tal-programm Kaskata Kulturali fuq Radju RTK, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Promozzjoni fuq Kaskata Kulturali.**

4.100 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Helina Marmara, minn DDE Attard Ltd., bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Mobile Toilets.**

4.101 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kevin Gauci, minn *Cardona Ambulance Service*, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Servizz t'Ambulanza.**

4.102 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sarah Carabott ta' *A&S Signs and Events,* bit-titlu ***Gazebos Quote.***

4.103 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Vella, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Easels.**

4.104 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kappillan Dun Glen Buhagiar, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata – Informazzjoni Importanti.**

4.105 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Teodor Reljic, *Culture Editor* mal-gazzetta Malta Today, bit-titlu ***The Potato & Agrarian Festival 2016 – Newspaper Article.***

4.106 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ispettur Patrick Magri, mill-Uffiċċju tas-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Esebizzjoni mill-Klieb tal-Pulizija.**

4.107 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Global Security Malta, bit-titlu **Kwotazzjoni għal Servizz ta' Sigurta' – Festival Agrarju tal-Patata 2016.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.108 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Lawrence Formosa ta' *Sharp Sight Falconry*, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Esebizzjoni ta' Falkuni.**

4.109 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sinjuri Josephine Zerafa Gregory u Josephine Bugeja, bit-titlu ***Attn: Mayor David Schembri.***

4.110 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Simon Camilleri bit-titlu **Skart f'Wied iż-Żurrieq.**

4.111 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Emanuela Scerri, studenta *B.Sc. (Hons.) Communication Therapy* fl-Universita' ta' Malta, bit-titlu ***Permission to recruit participants through your Local Council for an undergraduate study.***

4.112 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonio Abela, Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti, Żurrieq, bit-titlu **Ikla Wied iż-Żurrieq.**

4.113 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Portelli, bit-titlu ***Mosaic works to embellish your locality.***

4.114 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marlene Mellol, bit-titlu ***Scaffolding permits.***

4.115 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Muscat, bit-titlu ***Judo Course***.

4.116 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Gatt, *Quarter Master* fi *Stella Maris College Scout Group,* bit-titlu ***SMC Scout Group – Afforestation.***

4.117 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Raymond Zammit, bit-titlu ***Street Lighting.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 5. STRUTTURA TA' ĠIEĦ IL-QRENDI

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li issa għandna l-proposti kollha quddiemna tal-membri tal-Kunsill Lokali.

5.2 Qal li minn hawnhekk 'il quddiem irridu noħolqu kriterji li għallinqas jibqgħu fis-seħħ sa ma' tintemm din il-leġiżlatura, jiġfieri sas-sena 2019.

5.3 Żied li ma nistgħux kull sena nibdlu xi ħaġa, għax inkella m'aħniex se nkunu kredibbli mal-pubbliku u r-residenti, u allura d-deċiżjonijiet li se nieħdu llum iridu jkunu bi ħsieb u b'għaqal.

5.4 **In-Nomina tal-Persuni għal Ġieħ il-Qrendi**

5.4.1 Is-Sindku qal li sa din is-sena kienu r-residenti li jinnominaw lill-persuni għall-Ġieħ il-Qrendi, biss irridu naraw jekk inżommux din il-prassi jew le.

5.4.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li fl-opinjoni tiegħu n-nomini għandhom jinħarġu mill-Kunsill Lokali.

5.4.3 Is-Sindku qabel ma' dak li qal il-Kunsillier Daniel Farrugia u spjega li l-Kunsill Lokali għandu jara min se jkunu n-nominati, imbagħad ikun hemm bord apposta għall-aġġudikazzjoni.

5.4.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li hu jħoss li għandhom ikunu r-residenti li jiddeċiedu lil min jixtiequ jinnominaw għal Ġieħ il-Qrendi.

5.4.5 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud qablu mal-Viċi Sindku u qalu li huma wkoll iħossu li għandu jkun il-pubbliku li jiddeċiedi min se jkunu n-nominati.

5.4.6 Għaldaqstant, wara li ttieħed vot, is-Sindku David Schembri u l-Kunsillier Daniel Farrugia qablu li n-nomini għandhom joħorġu mill-Kunsill Lokali, filwaqt li l-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud qablu li n-nomini għandhom

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jaslu mingħand ir-residenti.

5.4.7 ***Bi tliet voti kontra tnejn ġie deċiż li n-nomini se jkunu qegħdin jaslu mingħand ir-residenti.***

**5.5 Il-Bord għall-Aġġudikazzjoni tan-Nomini ta' Ġieħ il-Qrendi**

5.5.1 Is-Sindku qal li hawnhekk irridu niddeċiedu jekk hux se jkun il-Kunsill Lokali li jiddeċiedi min għandu jirbaħ Ġieħ il-Qrendi, jew inkella jekk għandux ikun hemm Bord li jaġġudika n-nomini li jidħlu għal dan il-Ġieħ.

5.5.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li fl-opinjoni tiegħu għandu jkun hemm Bord tal-Aġġudikazzjoni.

5.5.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa flimkien mal-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud ukoll qablu mal-proposta tal-Kunsillier Daniel Farrugia.

5.5.4 ***Wara li ttieħed vot, id-deċiżjoni li jintagħżel bord t'aġġudikazzjoni sabiex jintagħżel min ħaqqu jieħu Ġieħ il-Qrendi, kienet approvata unanimament.***

**5.6 Il-Profil tal-Persuna Nominata għal Ġieħ il-Qrendi**

5.6.1 Is-Sindku qal li f'din il-fażi rridu naraw kif se jkun il-profil tal-persuna li tkun nominata għal Ġieħ il-Qrendi.

5.6.2 Spjega kif fil-preżent il-profil irid ikun ta' madwar 150 kelma, imma llum irridu niddeċiedu jekk hux se nagħmlu limitu fuq il-kliem jew inkella inħallux lil dak li jkun fil-liberta' sabiex jikteb kemm irid.

5.6.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li għandu jkun hemm biografija tal-persuna nominata, mhux aktar minn 200 kelma, għax fl-opinjoni tiegħu dak il-limitu ta' kliem huwa aktar minn biżżejjed sabiex tispjega xi tkun għamlet persuna matul ħajjitha.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.6.4 Il-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia flimkien mal-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qablu mal-proposta tal-Viċi Sindku.

5.6.5 ***Wara li ttieħed vot dwar kif għandu jkun il-profil tal-persuna, kien hemm qbil unanimu li l-profil m'għandux ikun aktar minn 200 kelma.***

5.7 **Kriterji fuq min jista' jiġi Nominat għal Ġieħ il-Qrendi**

5.7.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li għallinqas persuna trid tkun għexet il-Qrendi minn tal-inqas ħmistax (15)-il sena.

5.7.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li minn tal-inqas persuna trid tkun għexet seba' (7) snin fil-lokalita'.

5.7.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud kienet tal-idea li persuna trid tkun għexet il-Qrendi minn tal-inqas għoxrin (20) sena sabiex tkun eliġibbli biex tiġi nominata għal Ġieħ il-Qrendi.

5.7.4 ***Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li persuna trid tkun għexet il-Qrendi minn tal-inqas għoxrin (20) sena.***

5.8 **Jista' jingħata Ġieħ il-Qrendi lil min ikun ħalliena?**

5.8.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li hi taħseb li persuna li tkun ħallietna tista' tiġi nominata, imma rridu nagħmlu limitu, per eżempju, li persuna ma tkunx ilha aktar minn ħamsin (50) sena mejta.

5.8.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li dan il-limitu għandu jkun ta' tletin (30) sena.

5.8.3 Is-Sindku David Schembri qal li hu tal-opinjoni li persuni li jkunu ħallewna ma jkunux jistgħu jiġu nominati għal Ġieħ il-Qrendi.

5.8.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia, min-naħa tiegħu qal li ma jaqbilx mal-proposta tas-Sindku għaliex iħoss li persuna li tkun għamlet il-ġid f'ħajjitha u tkun ħallietna, xorta waħda jkun jixraqilha l-Ġieħ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.8.5 ***Wara li ttieħed vot, is-Sindku David Schembri ma qabilx li għandu jingħata Ġieħ il-Qrendi lil persuni li jkunu ħallewna, filwaqt li l-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia flimkien m'Olympia Sant Mifsud qablu li persuni li jkunu ħallewna jistgħu jingħataw Ġieħ il-Qrendi, basta ma jkunux ilhom mejtin aktar minn ħamsa u għoxrin (25) sena.***

5.9 **Lil kemm-il persuna jista' jingħata Ġieħ il-Qrendi fl-istess sena?**

5.9.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li hemm bżonn nimxu lil hemm minn dak li sar fl-aħħar tliet snin, u Ġieħ il-Qrendi jibda jingħata lil persuna waħda biss.

5.9.2 ***Wara li ttieħed vot, il-Kunsill Lokali qabel unanimament li Ġieħ il-Qrendi għandu jibda jingħata lil persuna waħda biss.***

5.10 **Għaliex se jingħata Ġieħ il-Qrendi?**

5.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li hu ma jaqbilx mal-proposti li Ġieħ il-Qrendi għandu jingħata lil persuni li jkunu jaħdmu fil-volontarjat biss.

5.10.2 Qal li jekk kemm-il darba persuna tkun għamlet ġieħ lill-Qrendi waqt ix-xogħol normali tagħha, din xorta waħda għandha tiġi kkunsidratha għal dan il-Ġieħ.

5.10.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li personalment taħseb li persuna li tkun titħallas għal xogħolha m'għandhiex tirċievi Ġieħ il-Qrendi, għax ix-xogħol li tkun qed tagħmel tkun qed tagħmlu għall-flus.

5.10.4 Żiedet li wieħed irid jara dik il-persuna xi tkun qiegħda tagħmel fuq bażi volontarja, għal xogħol li ma titħallasx għalih.

5.10.5 Qalet li l-volontarjat għandu jingħata l-aktar saħħa fid-deċiżjoni ta' min għandu jieħu Ġieħ il-Qrendi.

5.10.6 Is-Sindku David Schembri u l-Viċi Sindku Charles Zerafa qablu mal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

proposta tal-Kunsillier Sant Mifsud, dik li l-volontarjat għandu jkollu l-aktar saħħa waqt l-aġġudikazzjoni, minn dak ix-xogħol li wieħed ikun tħallas għalih sabiex għamlu.

5.10.7 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet li l-volontarjat għandu jġorr 70% tal-marki li wieħed jingħata waqt l-aġġudikazzjoni tal-profili.

5.10.8 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qabel maċ-ċifra tal-Kunsillier Sant Mifsud, filwaqt li l-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li l-persentaġġ irid ikun bejn 60% u 70%.

5.10.9 Is-Sindku David Schembri qal li hu jħoss li 30% għandhom jingħataw bħala bonus addizjonali għal min ikun jaħdem fil-volontarjat, għaliex jista' jkollna każijiet fejn jiġu nominati persuni li ma jkunux jaħdmu fil-volontarjat.

5.10.10 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li ma setgħetx taqbel mal-proposta tas-Sindku għax inkella se nkunu qegħdin nitilfu s-sens tax-xogħol volontarju, u f'dan il-każ, min jaħdem fil-volontarjat se jkun fi żvantaġġ kbir.

5.10.11 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li jaqbel mal-argumentazzjoni tal-Kunsillier Sant Mifsud dwar dan il-każ.

5.10.12 Wara li ttieħed vot, il-Viċi Sindku Charles Zerafa flimkien mal-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud qablu li l-volontarjat għandu jieħu 70% tal-marka globali, filwaqt li s-Sindku David Schembri qabel li għandhom ikunu biss 30% attribwiti għall-volontarjat.

5.10.13 ***Għaldaqstant, b'erba' voti kontra wieħed, għaddiet li l-volontarjat se jieħu 70%.***

## 5.11 Deċiżjonijiet Oħra

Il-Kunsill Lokali qabel unanimament fuq dawn il-punti li ġejjin:

5.11.1
- ***In-nomini tal-persuni m'għandhomx jinfetħu qabel ikun***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***intagħżel il-Bord tal-Aġġudikazzjoni, u allura dan il-Bord għandu jinħatar qabel jagħlqu n-nomini.***

5.11.2
- ***Il-Bord t'Aġġudikazzjoni għandu jkun iffurmat minn seba' (7) persuni, li kollha jkunu magħżula mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.***

5.11.3
- ***Il-Bord t'Aġġudikazzjoni jrid ikun approvat unanimament waqt laqgħa uffiċjali tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.***

5.11.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li ġaladarba l-Bord t'Aġġudikazzjoni jkun għażel lill-persuna li ħaqqha tieħu Ġieħ il-Qrendi, din id-deċiżjoni xorta waħda għandha tkun approvata unanimament mill-Kunsill Lokali.

5.11.5 Is-Sindku David Schembri hawnhekk staqsa x'se jiġri jekk ikollna każ fejn il-Kunsill Lokali ma jaqbilx mal-aġġudikazzjoni tal-bord.

5.11.6 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li f'każ simili jkollna naħtru bord ieħor sabiex naraw xi tkun id-deċiżjoni tat-tieni bord imbagħad inmexxu minn hemmhekk.

5.11.7 Għal din ir-raġuni s-Sindku staqsa jekk in-nomini għandhomx jiġu approvati mill-Kunsill Lokali qabel dawn jingħaddu quddiem il-Bord t'Aġġudikazzjoni.

5.11.8 ***Ġie deċiż b'mod unanimu li l-membri li jkunu jiffurmaw il-Bord tal-Aġġudikazzjoni għandhom ikunu kollha mill-Qrendi u li għallinqas ikunu ilhom jgħixu fil-lokalita' għal dawn l-aħħar għaxar (10) snin.***

5.11.9 Fl-aħħar ta' din id-diskussjoni ġie deċiż li fil-laqgħa li jmiss se jkunu diskussi kif għandhom ikunu maqsumin it-30% u s-70% sabiex kemm jista' jkun ma jkollniex sitwazzjonijiet li persuni jġibu l-istess ammont ta' marki.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 6. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2016

6.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li prattikament il-Festival Agrarju tal-Patata 2016 huwa magħluq.

6.2 Spjega kif l-armar għall-Festival se jibda mis-Sibt filgħodu u jibqa' sejjer matul il-ġurnata kollha.

6.3 Qal li s-Sibt filgħodu kmieni se nkunu qegħdin narmaw it-tinda li taħtha se ssir l-esebizzjoni tal-arti u se jkun Mario Coleiro li se jieħu ħsieb kif se titqassam din il-wirja.

6.4 Il-Viċi Sindku spjega wkoll x'se jkun qiegħed jiġri matul il-ġurnata tal-Ħadd u kif se jkun imqassam il-programm kollu.

6.5 Ħeġġeġ lill-Kunsillieri l-oħra sabiex jgħinu kemm jistgħu f'dan il-festival minħabba li hemm ħafna xogħol u ma jistax jinqasam bejn ftit persuni biss.

6.6 Qal li l-persuni tas-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata kollha jafu x'se jkun xogħolhom, biss hemm bżonn t'aktar għajnuna minħabba li l-attivita' kibret ġmielha din is-sena.

*Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ħalla l-laqgħa fis-7:30pm minħabba impenji oħra.*

## 7. IL-FESTI 2016

7.1 L-ewwel punt li tqajjem dwar il-festi tas-sajf li ġej kien ir-riċeviment li jsir mill-Kunsill Lokali dakinhar tal-festa partikolari filgħodu, riċeviment li kien isir wara l-quddiesa tal-Paneġierku.

7.1.1 Is-Sindku qal li hu m'għandux opinjoni dwar jekk dan ir-riċeviment isirx dakinhar tal-festa filgħodu, imma fakkar li meta dan beda jsir, l-idea

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

oriġinali kienet għaliex il-Fratellanza tal-Beata Verġni ta' Lourdes kienu talbu sabiex iġibu l-fratelli barranin l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

7.1.2 Qal li jekk kemm-il darba l-ġurnata se tinbidel, dan ifisser li dan l-iskop se jitlef is-sens tiegħu.

7.1.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li għalkemm is-sena l-oħra xorta kien sar dan ir-riċeviment dakinhar tal-festa, kien biss fratell wieħed barrani li attenda għal dan ir-riċeviment.

7.1.4 Jidher li l-problema l-kbira tal-każini li jkunu qegħdin jorganizzaw il-festa qiegħda tkun li dawn jiġu b'ħarba sabiex ikunu ġew għal dan ir-riċeviment minħabba li ma jkunux jistgħu jdumu minħabba impenji oħra tal-festa.

7.1.5 Is-Sindku ppropona li għandna nibagħtu e-mail lis-Soċjetajiet Mużikali u lill-Fratellanzi sabiex naraw xi tkun l-opinjoni tagħhom.

7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon tkellem dwar it-tqassim tal-barrikati li jsir fil-lokalita' minħabba l-festi u qal li fl-aħħar snin dawn kienu qegħdin jitqassmu minn membri tal-każini li jkunu qegħdin jorganizzaw il-festa u l-Kunsill Lokali.

7.2.1 Qal li din kienet qiegħda tkun kedda kbira meta suppost il-barrikati huma fir-responsabilita' tal-pulizija.

7.2.2 Spjega kif anke lejlet u nhar il-festa, meta jingħalqu ċertu toroq u parti minn Triq it-Tempesta, qed ikun staff tal-Kunsill Lokali li jieħu ħsieb l-għeluq tat-toroq, u dan kien qiegħed ifisser tqandil kontinwu għall-istaff tal-Kunsill Lokali.

7.2.3 Qal li minn din is-sena, ikun għaqli jekk inkellmu lis-Soċjetajiet u lill-pulizija, u din il-biċċa xogħol jieħdu ħsiebha huma, u l-istaff tal-Kunsill Lokali jieħu ħsieb il-permessi tal-gabbani li jarmaw fil-festi.

7.2.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament u se nkunu qegħdin inkellmu lis-Segretarji tas-Soċjetajiet tagħna sabiex navżawhom b'din is-sitwazzjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 8. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €31,480.29 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/16 u €49.35c skont il-*Petty Cash* Ref T/04.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:20pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016 fit-3pm.

9.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-ħin li fih għandha tinbeda l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |